MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Talba Numru. 324/2012

**GasanMamo Insurance Limited**
**C 3143**

**Vs**

**Mario Spiteri (Id 39064M)**
**u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' April, 2014 giet ordnata il-kjamata in kawza ta' Joseph Spiteri, Raymond Camilleri, Joseph Mary Debono, Salvu Agius, Charles Maria Azzopardi u Charlie Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' April, 2012 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u disghin ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€690.86) rapprezentanti bilanc fuq kontijiet personali illi kien halla mas-socjeta' attrici tul iz-zmien illi kien impjegat maghha, izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mill-prospetti annessi u mmarkati bhala Dok. A u B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 2011 u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-11 ta' Gunju, 2012 fejn eccepixxa illi in linea preliminari, it-talba attrici ghall-hlas ta' sitt mija u disghin ewro u sitta u tmenin ewro centezmu (€690.86) hija preskritta bid-dekors ta' 5 snin ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli mil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici ingunta minn issa in subizzjoni.

Xehed il-konvenut li spjega illi huwa kien impjegat bhala financial controller u company secretary mas-socjeta' attrici. Spjega illi kull general manager kellu office accout u fih kienu jidhlu transazzjonijiet ta' nies li hu kellu fiducja fihom. Qal illi dawn id-debituri huma debituri tal-kumpanija li l-kumpanija ddecidiet li ttiehom Kreditu. Imbghad kien hemm account iehor personali li jdahhal it-transazzjonijiet personali tieghu. Pero jirrimarka li hemm transazzjoni li ma approvax hu bhal dik ta' tmienja u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€48.81) tat-28 ta' Frar, 2009 ammont tal-Vodafone. Dan filfatt gie kkonfermat min Albert Mamo fejn ammetta li dan l-ammont gie imdahhal fil-kont ta' Mario Spiteri wara li tkecca mix-xoghol.

Illi l-konvenut ressaq eccezzjoni ulterjuri tal-legitimu kontradittur liema eccezzjoni t-Tribunal laqgha u sar appell minn din id-decizzjoni liema appell gie cedut mis-socjeta' attrici.

Il-kawza giet riappuntata ghat-12 ta' Frar, 2014.

F'din is-seduta l-konvenut talab illi jigu kjmati in kawza Josephine Spiteri, Raymond Camilleri, Joseph Mary Debono, Salvu Agius, Charles Mallia Azzopardi u Charlie Camilleri.

Xehed Edgar Galea prodott mill-konvenut li spjega illi hu kien claims manager mal-kumpanija attrici u qal illi anki hu kellu office account. Qal illi meta jkun hemm persuni li ma jhallsux dak li kellhom jghatu allura kien jghaddi l-karti lill-avukati u jittiehdu passi kontra taghhom mis-socjeta' attrici. Spjega ukoll illi meta spicca bhala Manager mas-socjeta' attrici qatt ma staqsieh ghal ammonti tal-office account.

Illi l-kjamati in kawza pprezentaw risposta pprezentat nhar it-3 ta' Ottubru, 2014 fejn Raymond Camilleri eccepixxa illi in linea preliminari t-talba attrici ghal hlas ta' l-ammont pretiz hija preskritta bid trapass ta' zmien ta' hames (5) snin ai termini tal-artikol 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghjar pregudizzju ghal dak fuq premess, l-esponenti qatt ma kellu relazzjoni mas-socjeta' attrici imma dejjem mal-intimat Mario Spiteri u ghalhekk t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli mil-ligi;

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici u l-intimat li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Joseph Mary Debono eccepixxa illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Joseph Mary Debono huma preskritti ai termini tal-artikolu 2140 et segwitum tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Debono hallas ghal polza ta' assikurazzjoni hekk meta nghata l-istess polza u ghalhekk ebda ammont mhuwa dovut minnu;

Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salc eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvu Agius eccepixxa illi fl-ewwel lok jigi sottomess illi l-azzjoni intentata mis-socjeta' attrici hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti Salvu Agius ma gahndu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Salvu agius hallas ghal-polza u ghalhekk l-ebda ammont m'hu dovut;

Illi l-esponenti it-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt b'dana li ghandhom jigu respinti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Josephin Spiteri eccepiet illi l-azzjoni attrici ghal dak li tirrigwarda l-kjamata in kawza Josephin Spiteri hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghjar pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-kjamat in kawza Josephine Spiteri mhux dovut in kwantu l-istess ammont diga' thallas lis-socjeta' attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli mil-Ligi.

Xehdet Cheryl Mizzi prodotta mis-socjeta' attrici fejn spjegat illi 2007 f'Mejju bhala parti mid-drittijiet kienet tassisti lill-Mario Spiteri u kienet taghmel reconciling tal-kontijiet kull xahar wara li tiddiskuti mieghu. Gili kien jghatiha struzzjonijiet biex tibghat ittra lid-debituri ghan-nom tieghu.

Xehed Elizeo Fenech kif ukoll Albert Mamo fejn spjega fl-affidavit tieghu illi hu kien managering director. Spjega illi l-Mamangement u l-istaff kellhom personal debtor account kif ukoll office account. Ovjament pero ir-responsabilita tal-persuna li jizgura li l-ammonti ma jibqghux pendenti. Wara li l-konvenut spicca mill-impjieg

tieghu saru aggustamenti fil-kontijiet pero l-kumpanija tghat struzzjonijiet biex jipprocedu konta l-konvenut ghalihom.

Xehdu l-kjamati in kawza li bil-gurament taghhom qalu ili ma kellhomx jghatu lil kumpanija attrici ghax dak li kellhom jghatu kienu hallsuh.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda kollha tal-kaz huwa tal-fehma illi l-kreditu fil-kont office acocunt u l-personal account huma bilanc dovut lil kumpanija attrici u kien responsabilta tal-konvenut li fid-dmirijiet tieghu kellu jaccerta u jizgura li l-ammonti fil-kontijiet jingabru un jithallsu fin-nuqqas allura jigi responsabbli ghallihom hu. Gialadarba ffirma ghalihom u b'din il-firma dahal responsabbli ghal dawn l-ammonti.

It-Tribunal ghalhekk ma jistax jilqa' talba ghal hlas ta' ammonti li ma ffirmax ghalihom il-konvenut u dan gie ampjament ippruvat illi l-ammont ta' tmienja u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€48.81) ma ffirmax ghalih il-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamati 'n kawza, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' it-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' sitt mija tnejn u erbghin ewro u hames centezmi (€642.05) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------